# TAGĦRIF TAL-GRAMMATKA

## IL-KELMIET *SA, ĦA, QED.*

Tliet klejmiet mill-aktar mexxejja u mill-aktar li ma jaqblux fi ktibhom. Għalhekk jidhirli li tagħrifa żgħira fuq tifsirhom u ktibhom m'hix barra minn waqtha.

Il-klejma *sa* tintrabat mal-verb biex tfisser għamil li għandu jsir dalwaqt; hekk: *sa niekol* tfisser *dalwaqt niekol.* Taqbel fit-tifsir u fil-ktib mal-klejma Għarbija *sa*, mqassra minn *sawf* (1). Iżda l-kittieba, aktarx kollha, jaħsbu li hi mqassra minn *sejjer*, u għalhekk jiktbu *ser, se'r, se'* (2). Ħażin. *Sejjer* tfisser *mixi*, u għalhekk, sħiħa jew imqassra f'*ser*, għandha tintrabat ma' verb ieħor biss meta rridu nfissru għamil li biex isir jaħtieġ il-mixi. Jekk ħaddiem jerfa' mix-xogħol u jrid imur id-dar jiekol, igħid lil sidu: *Sejjer niekol,* jiġifieri, *sejjer id-dar biex niekol;* iżda jekk wieħed ikun fuq il-mejda u jsejjaħ lil ħabibu biex jiġi jiekol, igħidlu: *Ejja għax sa niekol.* Żewġ kelmiet mifrudin għal kollox fit-tifsir tagħhom. Imma bil-ħeffa ta' tilsin il-kelma *sejjer* tinħataf u titqassar u ssir *ser*, u din imbagħad titħawwad ma' *sa* u tfixkel il-kittieba li ma jibqgħux jagħarfu u jagħżlu waħda mill-oħra. Mela naqtgħu barra għal kollox il-ktib ta' *se'r* u *se'*, u niktbu *sejjer* jew *ser* meta rridu nfissru *mixi*, u niktbu *sa* meta rridu nfissru *qorob* ta' żmien.

*Ħa* tintrabat ukoll mal-verbi u għandha aktar minn tifsir wieħed. *Ħa mmur* tista' tfisser *irrid immur* (*let me go*) u *sa mmur.* Jekk *ħa* tkun marbuta ma' verb ieħor qabilha, tfisser il-*għân* tal-għamil, hekk: *agħtihuli ħa mmur,* jiġifieri *biex immur.* Jifhem kulħadd li *ħa* hi mqassra minn *ħalli*, li hu imperativ tal-verb *ħalla*, u taqbel mal-verb *let* ta' l-Ingliżi. Tajjeb; imma mhux dejjem titqiegħed tajjeb. L-ewwel u l-aħjar tifsir tagħha hu l-imperativ, hekk: *ħa mmur, ħa mmorru.* Tajjeb ukoll toqgħod meta biha rridu nfissru l-*għân* tal-għamil, hekk: *agħtihuli ħa mmur.* Iżda xi wħud iħawdu *ħa* ma' *sa* u jgħidu: *ħa mmur* meta jridu jfissru *sa mmur.* U dan ħażin, u għalhekk il-kittieb għandu jqis xi jrid ifisser, biex ifissru tajjeb.

---

(1) Ara W. Wright *A Grammar of the Arabic Language*, Cambridge, 1933, Vol. I faċċ. 282.

(2) Vassalli, Falzon, Caruana fid-Dizzjunarji tagħhom ma jsemmuhiex il-kelma *sa* b'dan it-tifsir, iżda t-tifsir tagħha jagħtuh lil *sejjer.*



*Qed*, tintrabat mal-verbi biex infissru għamil li jsir *issa*, fil-waqt li nitkellmu. Hi mqassra mill-kelma *qiegħed*, li hi partiċipju tal-verb *qagħad.* U aktarx li tinkiteb sħiħa, jew inkella titqassar u tinkiteb, fil-poëżija, *q'għed.* Mhux aħjar titqassar f'*qed*, u niktbu dejjem *qed*? Hekk: *jien qed nitkellem, hi qed titkellem, aħna qed nitkellmu.* Ma nkunux niktbu ħażin, jekk niktbu *qiegħed*, iżda jekk irridu nqassruha, jidhirli li nistgħu nqassruha f'*qed.* Inżidu ngħidu li ħafna kittieba jħobbuha ftit iżżejjed din il-kelma u jdaħħluha mqar meta mhix meħtieġa; hekk flok: *xħin kont nikteb*, igħidu: *xħin kont qiegħed nikteb.* Dan taħsir ta' kitba li jaħtieġ wieħed jaħarbu jekk irid jikteb bir-reqqa.

**P. P. Saydon.**

## BIEX TINGĦOĠOB

### *Tagħlima żgħira għall-kittieba tal-Malti.*

Il-kittieb C. M. Marchand, fil-ktieb tiegħu li jismu "Ħamest elef idjòm Franċiż", qal:

1. Il-grammatka tgħallem biss il-bini tal-kliem: l-idjomi jixħtu fih ir-ruħ, il-ħeġġa u l-ħeffa.
2. Il-grammatka tibni d-dar: l-idjomi jżejnuha, isebbħuha, igħammruha.
3. Id-dar mingħajr l-għamara ma tistax tilqa' nies fiha; u l-għamara mingħajr id-dar ma tistax taqdik.

Mela, ja kittieb malti, itgħallem l-ewwel il-grammatka maltija biex tibni tajjeb id-dar tal-lsien malti; u mbagħad iġbor mill-fomm tal-Maltin il-għajdut ħaj, qawwi, ħieles, ħafif u mirqum li huma jgħidu bla ma jaħsbu fih, u li joħroġ mill-ħażna tal-kliem li jkunu ġabru ma' tul ħajjithom, biex tkun tista' żżejjinha, torqomha u tgħammarha sabiħ.

**Dun Karm**